# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 89

22 ta' Ottubru, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.35 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 89**

89.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 88 – 8;
89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
89.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
89.5 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita;
89.6 Rapport ta’ kull kwart Lul – Sett 2018;
89.7 Facebook Page;
89.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
89.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 10/2018;
89.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

89.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji, biss is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Cassar Sultana u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ se jattendu għal din il-laqgħa aktar tard. Il-Kunsill aċċetta dan.

## 89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

89.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 88 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

89.3.1 Is-Sindku qal li kien ta' sodisfazzjoni kbir kemm minnu, mill-Viċi Sindku, mill-Kunsillieri u mid-delegazzjoni kollha waqt iż-żjara li saret bejn l-24 u d-29 ta' Settembru 2018 fil-Belt ta' Montefiascone. Hu qal li l-programm ġurnata wara l-oħra kien mħawwar u mimli ferm b'avvenimenti nteressanti u mportanti għall-istorja Ta' Sannat. Fl-ewwel jum filgħaxija saret quddiesa mmexxija mill-Arċipriet, il-Vigarju Ġenerali u l-Viċi Parroku Ta' Sannat flimkien ma' l-Arċipriet u l-Viċi Parroku ta' Montefiascne fil-Katidral ta' din il-Belt fejn kienet esposta ħdejn l-altar ir-relikwa ta' Ras Santa Margerita, dritt wara fil-Katidral stess ġie ffirmat it-tieni parti tal-patt tal-ġemellaġġ. Kien kemm akkoljenza stupenda kemm mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u l-Assesori li wħud minnhom kienu jkunu preżenti u fil-qrib mad-delegazzjoni waqt ħafna minn dawn l-attivitajiet u laqgħat li saru hemm hekk. Matul din il-ġimgħa d-delegazzjoni permezz ta' gwida tal-post żaret postijiet importanti u ta' interess fosthom l-eqdem knisja ta San Flaviano, ir-Rocca dei Papi u oħrajn. Din il-gwida spjegat ukoll il-leġġenda sabiħa dwar EST! EST!! EST!!! u b'hekk ħaduna ukoll f'kantini tal-inbid u waħda mill-fabrikki ta' fejn jiġi prodott l-inbid li huma ferm magħrufin għal din il-produzzjoni u l-industrija. Minn naħa tagħhom apprezzaw ħafna meta saret l-ikla għawdxija mmexija mill-kok magħruf fil-gżejjer Maltin iben Ta' Sannat is-Sur George Borg li bil-għajnuna ta' żewġ persuni oħra parti mid-delegazzjoni tagħna dawn flimkien ippreparaw ċena parti minn dan il-programm hekk interessanti. Kif kien intqal fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill il-Comune di Montefiascone kien ibbenefika minn fondi ewropej fejn l-applikazzjoni tagħhom kellha t-tema dwar l-imigranti. Id-delegazzjoni tagħna attendiet u pparteċipat f'taħditiet u laqgħat apposta dwar dan. Is-Sindku qal li ssa jmiss li l-Kunsill tagħna japplika mill-applikazjoni taħt Europe for Citizens biex jekk jista jkun jibbenefika minn dan biex dan il-ġemellaġġ ikompli. Hu qal li hemm il-ħsieb li jsir Wine Festival b'inbid tagħhom u li s-Sur George Borg flimkien mas-Sotto-Kumitat lesti li jgħinu f'dan. Is-Sindku qal li hija x-xewqa ta ħafna mir-residenti li jżuru din il-belt u li xtaqu li jkunu parti minn fost id-delegazzjoni għalhekk hu flimkien mall-Kunsill iddiskutew bil-posibbilta' biex f'Marzu 2019 issir żjara oħra biex jissaħħaħ aktar dan il-ġemellaġġ. Għalhekk il-quddiem wara li ssir il-ħidma mill-Kunsill, il-Kunsill se joħroġ sejħa għal dawk interessati.

89.3.2 *Fis-1.43 p.m. l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ daħlet għal din il-laqgħa.*

89.3.3 Is-Sindku qal li l-Kuntrattur Road Construction Ltd. illum beda x-xogħolijiet fuq il-mains tal-ilma tal-offerta SNTLC 04/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching fi Triq Saguna with hot rolled asphalt, xogħolijiet b'finanzjament li kien diġa miksub mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Perit għadda l-livelli ta' Triq l-20 ta' Lulju lill-kuntrattur. Dan ix-xogħol għandu jkun lest fi żmien għaxar ġimgħat skond l-offerta.

89.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill applika għal DNO mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex jsir tisbieħ fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri. Il-Perit lesta l-pjanta neċessarja għal din it-triq, dan biex anke f'din it-triq jkun jista jitwettaq il-proġett u jitħawlu s-siġar u l-arbuxelli b'fondi miksuba minn Urban Green Project tal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Żvilupp Sostenibbli. Is-Sindku qal li wara li ġie rrestawrat il-Monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri b'fondi miksuba mill-Ministeru għal Għawdex u mill-Kunsill imiss issa li l-funtana ta' madwar dan il-monument tiġi rranġata ukoll billi jinbena ċirku madwar il-pedistal tal-monument u jitħawlu xi arbuxelli u b'hekk tiċkien il-parti tal-ilma. Għandu jinbidel id-dawl u jsir dawl ikkulurit u ġettijiet ġodda skond il-forma l-ġdida. F'din it-triq se jinqalgħu u jinbidlu l-bankini li hemm biex isir immaniġjar tat-traffiku aħjar, jiġu nstallati 8 fanali dekorattivi biex jilluminaw din il-pjazzetta u bankijiet skond il-pjanta li saret mill-Perit. Għal dan ix-xogħol intalbu l-fondi mid-DPF tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel ma dan u qal li għandu juża l-kuntratt ta' Vella Bros. Ltd. għax-xogħolijiet tal-bankini.

89.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill applika ma' DPF tal-Awtorita' tal-Ippjanar biex l-isqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenċ jingħata wiċċ ġdid bil-konkos monolitiku bid-disinn. Għal dan ix-xogħol il-Kunsill se juża l-istess kuntratt li għandu ma' Vella Bros. Ltd. fejn għandu dan ix-xogħol. F'dan l-isqaq il-Kunsill qabel li jinxtraw 4 fanali ta' mall-ħajt biex jitwaħlu u jixgħelu bil-lejl f'dan l-isqaq. Il-Kunsill qal li hemm bank tal-injam li għandu jinbidel meta issir din it-triq.

89.3.6 Is-Sindku qal li fi Triq il-Kalati kull ma hemm fi triq hu lampa waħda u li ma tantx hemm dawl. Hu qal li jixraq li jsiru 3 jew 4 fanali mall-ħajt li jiġu pariċċ dawk li se jsiru fl-isqaq Dun Nastas. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-kont għax-xogħolijiet ta' resurfacing with a patterned monolitich concrete system mill-kuntrattur Peter Paul Said għadu ma ngħatax dan wara ħafna tentattivi biex f'parti mill-wiċċ ta' din it-triq fejn ma ġiex stencilled tajjeb jerġa jsir dan ix-xogħol sadanittant hu qal li xorta għadu qed jistenna li din tiġi rranġata u jintbgħat dan il-kont għaċ-ċertifikazzjoni tiegħu.

89.3.7 Is-Sindku qal li l-Kumpanija GreenPak installa s-CCTV cameras fejn il-bring in site fi Triq Ta' Bebunaq u Triq Durell. Dan sar biex jinqata l-abbuż minn individwi rresponsabbli li kienu jarmu barra l-kontenituri, b'hekk il-Kunsill se jżomm aktar il-lokalita' nadifa. Hu qal li fi Triq ta' Xamgħan il-kontenituri tal-bring in site li hemm bħal issa, fil-futur qarib se jkollhom jitneħħew minn hemm peress li l-propjetarju tal-għalqa ta' wara fejn hemm dawn applika mall-Awtorita' tal-Ippjanar biex din l-art tiġi żviluppata. Il-Kunsill għandu jara fejn dawn jistgħu jiġu nstallati.

89.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali bbenefika €10000 mill-Ministeru għal Għawdex biex titella attivita' bl-isem Mużika Fest bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2018 kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa. Hu qal li l-isbandieratori minn Noto Sqallija laqgħu t-talba tagħna. Fir-rigward tal-attivita' DO RE MI fl-iskola primarja il-kap tal-iskola laqgħet din l-istedina u se tkun amalgamata ma' attivita' ta' San Martin. Il-Kunsill qed jaħdem fuq il-programm finali ta din l-attivita'.

89.3.9 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet tal-ħadid tal-fencing tal-playing field fi Triq Sannat u Triq Marziena minn fondi tal-U.I.F Planning Authority qed jinħadmu.

89.3.10 Is-Sindku qal li qed jiġi preparat il-programm ta' Jum Dinji tat-tfal li se jsir fi Pjazza Santa Margerita nhar il-Hadd 18 ta' Novembru 2018 mis-1.00 p.m. sal-4.30 p.m.

## 89.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

89.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li x-xogħolijiet fi Triq Bardan b'fondi ewropej miksuba minn Miżura 4.3 mill-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd. tlesta b'wiċċ ġdid bit-tarmak u li għadu qed jistenna l-kont mingħand il-kuntrattur biex jiġi ċċertifikat mill-perit biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jitħallas għal dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu jerġa jgħamel talba għal estensjoni ta' xahar ieħor cioe' sa 30 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill qabel ma dan.

89.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li llum ser issir il-Laqgħa Nru 76 tar-Reġjun Għawdex fis-7.15 p.m. u li l-laqgħa plenarja straordinarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser issir nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru 2018. Is-Sindku qal li se jattendi għal dawn il-laqgħat.

89.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jekk hu possibli l-Kunsill ikun jista japplika għal impjegat addizjonali full time fl-uffiċċju. Hu nforma lill-Kunsill li wara li ġie nieqes impjegat mill-Community Workers Scheme Enterprise Foundation li kien qed iwettaq xogħol ta' front office fl-uffiċċju minn nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2018 bdiet impjegata oħra li tista twettaq dan ix-xogħol. B'hekk il-Kunsill issa għandu żewġ impjegati fl-uffiċċju minn din l-iskema b'hekk il-Kunsill għandu juża s-servizz ta' dawn it-tnejn. Hu qal li se jinforma lid-Dipartiment li għal issa se jwaqqaf it-talba li kienet saret biex jiġi mpjegat full time fl-uffiċċju. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-cash office tal-Kunsill matul il-ħinijiet tax-xitwa se jkunu mit-8.00 a.m. sat-3.00 p.m. u dawk tas-sajf mit-8.00 a.m san-12.00 p.m. il-Kunsill qabel ma dan.

89.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li s-CCTV cameras tal-Bidwi Park mhux qed jaħdem dan peress li d-dvr għamel il-ħsara u meta ttieħed għand il-kuntrattur li kien installaħ qal li dan ma jissewwiex. Għalhekk il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandu jiġbor kwotazzjonijiet ġodda biex din is-sistema tkun qed taħdem.

89.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta ħarġet l-offerta tal-provista u tħawwil ta' siġar u arbuxelli mill-fond tal-Urban Green Project minn dan il-fond li ngħata lill-Kunsill kien għad fadal il-flus u għalhekk qal lill-Kunsill li biex minn dan il-fond jixtri siġar u arbuxelli għal Ġnien il-Bidwi u Triq Dun Luqa. Il-Kunsill talab il-kwotazzjonijiet biex dawn il-fondi miksuba jintefqu għal dan il-għan. Il-Kunsill ghandu jara x'se jkun għad fadal bħala ammont biex wara jkun jista jixtri minn dawn il-kwotazzjonijiet.

89.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għada ser issir l-amministrazzjoni kontra l-influwenza vaccine lil dawk il-persuni 'l fuq minn 55 sena li kienu rregistraw biex din tingħatalhom. Għalhekk tqabdet nurse biex isir dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

89.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill talab kwotazzjonijiet għal armar ta Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita b'dawl dekorattiv fi żmien tal-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena. D Illumination Ltd. preżentaw kwotazzjoni u d-disinn għal prezz ta' €1935.20. Il-Kunsill ra d-disinn u qabel li jsir dan.

89.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan l-aħħar meta għamlet ix-xita mill-gallerija tal-injam tat-tieni sular minn dan l-uffiċċju, ta fejn jaqdi d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali daħal ħafna ilma u li din trid tinbidel peress li ma tissewiex. Il-Kunsill qabel li trid tintalab kwotazzjoni ghal dan ix-xogħol. Hu qal li apparti dan, il-bieb tal-garaxx u dak prinċipali tal-Kunsill, t-tnejn iridu dawra dan għaliex il-lostru tagħhom tqaxxar bix-xemx. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

89.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| DLG 8/2018 | Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart (L.S. 549.43) |
| SPI 11/2018 | Ġbir ta' Informazzjoni dwar id-Devoluzzjoni ta' Siti u Projeta' Pubblika lill-Kunsilli Lokali |

89.4.10 *Fit-2.58 p.m. il-Kunsilliera Cassar Sultana daħlet għal laqgħa tal-Kunsill*

## 89.5 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita

89.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara ħafna laqgħat mall-Ministeru għal Għawdex, kif kien dejjem diskuss fil-laqgħat preċedenti u żmien ta' stennija mir-residenti ta din il-lokalita' ġie ffirmat ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill Lokali Ta' Sannat peress li dan huwa fl-interess kemm tal-Gvern Ċentrali kif ukoll tal-Kunsill Lokali illi jkollna lokalita' aċċessibbli għall-pubbliku u li tkun miżmuma tajjeb, b'hekk ukoll se tiġi riflessa l-politika tal-Gvern dwar żvilupp u promozzjoni ta' Għawdex bħal destinazzjoni turistika. Hu qal li l-Ministeru se jkun qiegħed ikompli jikkommetti ruħhu favur dan l-impenn u peress li kien jinħass il-bżonn li l-Pjazza Santa Margerita tiġi żviluppata u jsir proġett ħolistiku li permezz tiegħu din l-istess pjazza tiġi rijabilitata, issir aktar aċċessibli u kif ukoll issir sistema ġdida li permezz tagħha jkun hemm ilqugħ tal-ilma biex tiġi ndirizzata l-problema tal-għarar. Il-Ministeru għal Ghawdex iddelega lill-Kunsill Lokali Ta' Sannat biex f'isem il-Ministeru biex jkun jista jwettaq ix-xogħol fuq dan il-proġett dan peress li l-Kunsill Lokali kien ħejja l-preparamenti kollha ta' dan il-proġett. Għal dan il-għan il-Ministeru għal Għawdex se jgħaddi s-somma inizjali ta' €400,000. Is-Sindku kompla qal li dritt wara li ġie ffirmat dan il-Kunsill peress li t-tender kien diġa ppreparat ħareġ l-avviż bis-sistema tal-epps fuq il-Gazzetta tal-Gvern nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2018 u li din l-offerta se tagħlaq nhar il-Ġimgħa 26 ta' Ottubru, 2018. Is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex innomina lil Perit Robert Cachia biex ikun parti mill-bord tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni u l-Kunsill minn naħa tiegħu ħatar lil Avukat Mario Scerri u l-Accountant Pauliana Said biex dakinhar stess li tagħlaq jinfetħu l-offerti mixħuta u jsir dan ix-xogħol tal-evalwazzjoni w aġġudikazzjoni. Is-Sindku qal li rigward id-dwal f'din il-pjazza l-Kunsill għandu jitkellem mall-Kuntrattur Galea Curmi Engineering Consultant biex naraw x'jista jsir.

89.5.2 *Fit-3.18 p.m. il-Kunsillier Bajada ħareġ mill-laqgħa peress li kien xogħol*.

## 89.6 Rapport ta' kull kwart Lul – Sett 2018

89.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tat-tielet kwart Lulju – Settembru 2018 u li dan kien intbgħat minn qabel permezz ta' imejl lill-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u ġie approvat.

## 89.7 Facebook Page

89.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi ftit ta' żmien ieħor il-Kunsill ser ikollu l-Facebook page uffiċjali tiegħu. Dan sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiġu aktar nfurmati bl-avvenimenti u xogħolijiet kurrenti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan.

89.7.2 Fit-3.29 p.m. l-Ambaxxatriċi tal-Kunsill ħarġet mill-laqgħa.

## 89.8 Ilmenti u Suġġerimenti

89.8.1 Ms Marisa Muscat ta' Triq il-Barumbara tal-Bies qed tilmenta li fil-garaxxijiet tagħhom li jifurmaw parti mill-blokka ta' Misraħ Skerla fi Triq Skerla qed jiġu mgħarqa bl-ilma tax-xita u li qed jispiċċaw b'ħafna tajn u terrapin ġew. Il-Kunsill qal li dawn il-garaxxijiet jinsabu l-isfel mill-livell tat-triq. Dan l-ilment ġie solvut mis-sid.

89.8.2 Is-Sur Anthony Pule ta' Triq Skerla qed jitlob li jsir dust bin quddiem l-ispazju miftuħ f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li jeħel wieħed biss u jekk minn dan isir abbuż għandu jitneħħa minnufih.

89.8.3 Is-Sur John Chetcuti fi Triq Xabbata kantuniera ma Triq il-Paranji qed jilob li jingħata l-patching peress li hemm ħofra kbira. Il-Kunsill għandu jara dan peress li din it-triq tinsab fi stat ħażin ħafna aparti li l-enlingement ta triq bit-tarmak għadu ma sarx.

89.8.4 Il-Kunsillier Bajada talab li fi Pjazzetta tax-Xelina minn naħa ta' Triq il-Kbira kantuniera ma Triq Dun Xand Aquilina ghandha teħel stop sign peress li ħafna mhux qed jikkalkulaw il-mera li hemm mwaħħla mal-ħajt faċċata. Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li f'din il-pjazzetta hemm bżonn li jsiru double yellow lines. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta dwar dan.

89.8.5 Residenti minn Triq il-Kalati talbu biex f'din it-triq jitwaħħlu 2 No Stopping signs fi Triq biex ma jipparkja ħadd u jimblokka t-triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

89.8.6 Xi residenti talbu biex fi Triq Bardan teħel tabella cul de sac peress li din ma tinfed għal imkien anzi hi waħda perikoluża għaliex issib ruħek f'ħofra fonda ta' barriera.

## 89.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2018

89.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 10/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 89.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

89.10.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2018, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 19 ta' Novembru, 2018

**(Iffirmata)**

Philip Vella
Sindku

**(Iffirmata)**

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv